

Brussell, 13 ta' Settembru 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0145(COD)

12039/1/18
REV 1

DAPIX 271
JAI 865
COMIX 481
CODEC 1440
SIRIS 110
VISA 226
EURODAC 17
SCHENGEN 44

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL rigward it-talba tar-Renju tal-Gran Britannja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal- <i>acquis</i> ta' Schengen fir-rigward tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (<i>eu-LISA</i>) - Adozzjoni

1. Fid-29 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (*eu-LISA*) u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċizzjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u jħassar ir-Regolament (UE) 1077/2011 (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament propost").
2. Skont ir-Regolament propost, l-Aġenzija ta' hawn fuq ser tissostitwixxi l-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1077/2011, u ssir is-suċċessur legali tagħha.

3. Taħt is-sistema attwalment fis-seħħ, il-kwistjoni tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit hi regolata bid-Deċiżjoni 2010/779/UE, li biha l-Kunsill awtorizza lir-Renju Unit jieħu sehem fir-Regolament (UE) 1077/2011¹, sa fejn jirrelata mat-tmexxija operattiva tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-partijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II), li fihom ir-Renju Unit ma jipparteċipax.
4. Minħabba l-parteċipazzjoni fl-Eurodac, Dublinet u l-parteċipazzjoni parzjali tiegħu fis-SIS II, ir-Renju Unit għandu d-dritt ukoll li jipparteċipa fl-attivitajiet tal-Aġenzija li għandha tiġi stabbilita bir-Regolament propost, sa fejn ikun reponsabbli għat-tmexxija operattiva tas-SIS II kif regolata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, il-Eurodac u Dublinet, u kif inhu l-każ fir-rigward tal-Aġenzija attwali.
5. Permezz ta' ittra datata d-19 ta' Lulju 2018², ir-Renju Unit tabilħaqq talab li jieħu sehem fir-Regolament propost skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll ta' Schengen, sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jirreferu għar-responsabbiltà tal-Aġenzija għat-tmexxija operattiva tas-SIS II kif regolata bir-Regolament (KE) Nru 1987/2006, u tal-VIS, l-EES u ETIAS.
6. Il-Kunsill jirrikonoxxi d-dritt tar-Renju Unit li jagħmel talba għall-parteċipazzjoni fir-Regolament propost f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Protokoll ta' Schengen. Rigward din il-kwistjoni, id-delegazzjonijiet jistgħu jirreferu b'mod partikolari għall-ispjegazzjonijiet li jinsabu fid-dokumenti³ preċedenti għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2010/779/UE, bl-adattamenti meħtieġa li jirriflettu t-test tar-Regolament propost.
7. Fl-10 ta' Settembru 2018, il-grupp tal-Kunsillieri ĠAI (eu-LISA) eżamina l-proposta u approva t-test tagħha bi ftit adattamenti tekniċi minuri, kif propost mis-Servizz Legali tal-Kunsill u l-Kummissjoni.

¹ Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1).

² 11389/18.

³ 12373/10, 14016/1/10 REV 1.

8. Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti hu mistieden li japprova l-abbozz ta' Deċizzjoni tal-Kunsill, kif jinsab, wara reviżjoni mill-ġuristi-lingwisti, fid-dokument 12040/18, u jibagħtu lill-Kunsill għall-adozzjoni bħala punt A fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu.
-